# ALL NATIONS GOSPEL PUBLISHERS



Copyright ANGP

www.angp-hb.co.za

info@angp.co.za

# IL-QALB TAL-BNIEDEM

## JEW

## IL-MERA SPIRITWALI TAL-QALB

**(Miġbur u ppreżentat f'għaxar stampi Allegoriċi)**

Dal-ktieb oriġina fi Franza fl-1732, ġie rivedut u miktub għall-missjoni fl-Afrika minn Rev. J.R. Gschwend fl-1929, u baqa' jiġi maqlub għal 250 lingwa differenti fi propjetà letterarja minn 'All Nations Gospel Publishers', li qiegħdin iqassmuh f-127 pajjiż differenti. Popli ta' kull lingwa klassi u reliġjon qiegħdin jiġu mmexxija minn dal-ktieb, biex iħossu fil-fond ta' qalbhom il-verità spiritwali u s-sinifikat tal-messaġġ t'Alla bħal ma qal il-profeta Ezekjel, 586 sena qabel Kristu, "Nagħtikom qalb ġdida u spirtu ġdid ..... u jien inkun Alla tagħkom" Ezek. 36:26-28.

Copyright ANGP

**ALL NATIONS GOSPEL PUBLISHERS**
**P.O. Box 2191, Pretoria, 0001, R.S.A.,**
**(Reg. No. 61/01798/08)**
**(Missjoni Letterarja Evangelika finanzjata b'għotjiet)**

# IL-QALB TAL-BNIEDEM
## It-Tempju t'Alla jew fejn jaħdem Satana
## (1 Gwann 3:4-10)

Int u taqra dal-ktieb, żomm f'moħħok li dan hu bħal mera li int tkun tista tara lilek innifsek. Jekk inti xi wieħed li ma temminx jew Nisrani, wieħed li ma temminx fi Kristu, jew wieħed li taqa malajr fid- dnub, tibda tara lilek innifsek kif Alla jarak. "Għax il-bniedem jara dak li jidher, u l-Mulej jara l-Qalb." (1 Sam. 16:7). Alla jarana kif veru aħna.

Satana hu missier il-gideb. Huwa prinċep tad-dlam u alla ta' din id-dinja, li jbiddel lilu nnifsu f'anġlu tad-dawl biex imexxi rġiel u nisa fit-triq il-ħażina.

F'dan iż–żmien, bħaż-żmien ta' qabel, hawn ħafna appostli foloz li taparsi huma appostli ta' Ġesù. M'hemm xejn kbir għax Satana jitrasforma f'anġlu tad-dawl (2 Kor. 11:13,14). Satana huwa alla ta' din id-dinja, iżomm il-poplu fid-dlam ħalli ma jkunux jistgħu jaraw l-imħabba t'Alla u dik ta' Ġesù Kristu li miet biex isalvahom (2 Kor. 4:4). Il-midinbin u dawk kollha li ma jemmnux, huma spiritwalment mejta u għomja għal Alla. Huma immexxijin mill-ħażen ta' din id-dinja (Eff.2:1-2). Sakemm ma jintebħux b'xi mod bil-kundizjoni ħażina li jinsabu fiha, huma mexjin lejn diżastru etern. Dak li jgħid "Jien qatt ma dnibt" qiegħed jidħak bih innifsu. Għax "L-Iben t'Alla deher għall din ir-raġuni, biex jeqred l-opri tax-xitan" (1 Gwann 3:8). "Issottomettu ruħkom għal Alla. Iqfulu lix-xitan u jaħrab minnkom. Ersqu lejn Alla, u hu jersaq lejkom." (Ġakbu 4:7-8).

Inti u taqra dan il-ktieb u tistudja l-istampi, tkun tista tara lil qalbek. Ħallu lid-dawl t'Alla jurikom il-kundizjoni ta' qalbkom. Aċċettaw dnubietkom u tiċħdux lill-eżistenza tagħhom. Għax il-Kelma t'Alla tgħid "Jekk ngħidu li m'għandna l-ebda dnub aħna nqarrqu bina nfusna, u s-sewwa mhux fina. Jekk nistqarru dbubietna, Hu fidil u ġust biex jaħfrilna dnubietna, u jnaddafna minn kull ħażen." (1 Gwann 1:1-10). "Id-demm ta' Ġesù jnaddafna minn kull dnub."

Inti mmexxi minn Satana jew Alla; inti skjav tad-dnub jew qaddej t'Alla.



Copyright ANGP

Jekk int ikkontrollat mid-dnub tiċħadx, iżda għajjat lil Alla. Hu jeħilsek b'Ġesù Kristu li ġie fid-dinja biex isalva lill-midinbin, biex ifarrak is-saħħa ta' Satana u d-dnubiet ta' fuq rasna. Hu s-Salvatur tagħna. Int qiegħed fil-presenza mqaddsa t' Alla li jaf kull sigriet, il-ħsibijiet moħbija u l-azzjonijiet ta' ħajjitna. Huwa mpossibli li taħbi lilek u lil azzjonitek minn Alla, għax "Forsi min għamel il-widnejn majismax? Jew Forsi min sawwar il-għajnejn ma jarax?" (Salmi 94:9)
"Għaliex għajnejn il-Mulej iħarsu fuq id-dinja kollha, biex iwettaq bis-sħiħ lil dawk li qalbhom sħiħa miegħu." (2 Kron. 16:9)
"Hu jara kull pass tal-bniedem. M'hemmx dlam biżżejjed biex jaħbi lill-midneb minn Alla." (Gob 34:21,22).
"Iżda Ġesù ma kienx jafda ruħu fihom, għax kien jaf lil kulħadd." (Ġwann 2:24)
Għalhekk "Ferħana huma dawk li dnubietom maħfura, li l'ħażen tagħhom huwa skużat. Ferħan huwa dak li l-Mulej ma jakkużahx li għamel il-ħażin u li huwa ħieles minn kull tiġrib." (Salmi. 32:1-2).

# SPJEGAZZJONI TAL-ISTAMPI

## L-EWWEL STAMPA

Din l-istampa turi l-qalb ta' xi ħadd li jgħix għad-dinja, deskrit fil-Bibbja bħala midneb, jiġifieri xi ħadd kkontrollat bil-ħażen, bix-xewqat naturali u l-biża tan-natura. Din hija stampa eżatta ta' kif Alla jara l-qalb. L-għajnejn imżelġa u ħomor, jitkellmu fuq sakra, kif hu ddeskrit f'Proverbju 23:29-33: "Urini lil xi ħadd li jixrob ħafna u li jitnikker fuq l-inbid, u nurik lil xi ħadd miżerabli u mdejjaq bih innifsu, dejjem jaqla' l-inkwiet u dejjem jeqred. Għajnejh ħomor, bi tbenġil li setgħu ġew evitati. Tħallix l-inbid jittantak, allavolja aħmar sabiħ, allavolja jleqq fit-tazza, u jinżel tajjeb. L-għada tħossok bħallikieku gidmek serp velenuż. Għajnejk jaraw ħwejjeġ strambi u ma tkunx tista taħseb u titkellem ċar."
Taħt ir-ras f'din l-istampa, l-qalb tal-bniedem tidher okkupata minn annimali differenti li jirrapreżentaw dnubiet differenti fil-qalb, għax il-qalb hi ċentru fejn jinbet id-dnub. Alla jgħidilna b'Ġeremija l-profeta

tiegħu li "Fuq kollox qalb il-bniedem kollha qerq u mħassra. Min jifhimha?" (Ger. 17:9).
Ġesù nnifsu jikkonferma dan billi jgħid, "Għax minn ġewwa, mill-qalb tal-bniedem, joħorġu l-ħsibijiet ħżiena, l-adulterji, iż-żina, s-serq, ix-xeħħa, l-ħżunija, l-qerq, il-ħajja bla rażan, il-għajn ħażina, d-dagħa, l-kburija, l-bluha. Dawn il-ħwejjeġ ħżiena kollha jiġu minn ġewwa, u jniġġsu l-bniedem" (Mark 7:21-23)

**1. Il-Pagun** - Waqt li s-sbuħija tal-pagun hi ammirata minn kulħadd, hawn fil-qalb tal-bniedem turi d-dnub tal-kburija. Lucifru, darba anġlu speċjali tad-dawl, tilef il-pożizzjoni tiegħu minħabba l-kburija u sar l-għadu t'Alla - x-xitan (Isaija 14:9-17; Eżekjel 28:12-17).
Il-kburija tiġi eżatt miċ-ċentru tal-infern, u tiġi murija f'ħafna modi differenti. Xi nies jiddandnu b'ġidhom, bil-livell ta' edukazzjoni, b'mod ta' ħwejjeġ li jikxfu ġisimhom mingħajr ma jisthu, ornamenti jċekċku, brazzuletti, ċrieket, etc., bħal ma hemm ċar f'Isaija 3:16-24. Xi wħud jitkabbru bir-razza tagħhom, nazzjonalità, kultura, sport, etc., u jinsew li "Alla jżommilhom il-kburin,u jagħti grazzja lill-umli." (1 Pietru 5:5). Alla jobgħod l-arroganza u kburija. (Prov. 8:13). Il-kburija twassal għal qerda u l-arroganza għal waqgħa."

**2. Il-Bodbod** - jirrappreżenta xewqat tal-ġisem, immoralità, adulteru. Id-dnubiet imsemmija hawn żdiedu ħafna f'dawn l-aħħar jiem moderni, tant li rridu nammettu l-verità fi kliem Ġesù meta ħabbar kważi 2000 sena ilu li l-aħħar żminijiet ikunu bħal dawk ta' Sodoma u Gomorra. Mhux talli dil-ħajja ħażina ħatfet f'idejha rġiel u nisa u daħlet fid-djar ta' nies reliġjużi u stituti, skejjel u għaqdiet. Iżda talli dal-ħażen bla misthija u b'makkakkerija daħal fil-qlub ta' nies b'mezzi oħra , bħal ma huma c-cinema, teatru, kitba faħxija, u f'ħafna mezzi oħra, li dak li Alla jgħidlu dnub, qiegħed jidher bħala moralità moderna. Miljuni ta' żgħażagħ jieħdu l-ideja ta' ħajja ideali miċ- cinema u n-novelli, biex isibu lilhom infushom fl-inkwiet, misthija u dispjaċir. Atturi immorali jsiru l-eroj ta' dawn iż-żgħażagħ. Sali taz-zfin ukoll kultant ikunu postijiet fejn tinbet l-immoralità. L-eroj t'Alla bħal Ġużepp (Genesi 39) u oħrajn m'humiex



Copyright AMCP




1. IL-QALB MIDINBA

jittieħdu bħala eżempji. Anke z-Zulu, nies li ma jemmnux f'Alla, joqtlu lil min jagħmel adulteru, jistgħu jagħtu lezzjoni lil dik li tissejjaħ ġenerazzjoni ċivilizzata, u jqumu u jikkundannawna fil-ġurnata tal-ġudizzju. Alla jgħidilna biex ma nilagħabux mal-immoralità, iżda biex naħarbuha. "Kull dnub li wieħed jagħmel ma jaffettwax lil-ġismu iżda dak li hu ħati ta' sess immorali jidneb kontra ġismu stess. Ma tafux li ġisimkom huwa tempju ta' l-Ispirtu Santu, li jgħammar fikom u ngħatalkom minn Alla? Intom mintomx tagħkom infuskom imma t'Alla." (1 Kor. 6:18-19). "Jekk Bniedem iħassar it-tempju t'Alla, Alla jeqirdu għax it-tempju t'Alla, huwa intom, hu mqaddes u intom stess t-tempju Tiegħu." (1 Kor. 3:17).

**3. Il-Ħanżir** - jitkellem fuq dnubiet ta' sakra u ħniżrija. Huwa annimal maħmuġ dejjem lest biex jibla dak li jiġi quddiemu, nadif jew maħmuġ, u bl-istess mod qalb midinba tibla kull suġġeriment immorali, espressjoni, stampi, kitba, etc. Il-ġisem huwa intenzjonat li jkun it-tempju t' Alla l-ħaj, qiegħed jiġi mniġġes b'ikel ħażin u vizzji ħżiena bħat tipjip jew tomgħod it-tabakk, l-użu tal-opju u drogi perikolużi eċċ. Il-vizzju tat-tipjip tat-tabakk u anke l-opju, ħataf u rikeb ħafna nies. Il-qawwa t'Alla biss tista teħles lil dawn l-imsejkna u skjavi tax-xitan. Waqt li ħafna nies reliġjużi ma jpejpux fil-bini tal-knisja, għax jgħidu li huwa nsult 'l Alla, xorta waħda huma ma joqogħdux jaħsbuha li jpejpu minn dil-werqa tinten u jibilgħu ġo ġisimhom li huwa l-veru tempju t'Alla. "Żgur tafu" jgħid San Pawl, "li intom it-tempju t'Alla u l-Ispirtu t'Alla jgħix ġo fikom! Mela jekk xi ħadd jeqred it-tempju t'Alla, Alla jeqirdu." (1 Kor. 3:16-17; 6:18-19).

Bniedem żaqqieq hu ta min jimbrah, ma jiswa xejn f'għajnejn Alla. Aħna nieklu biex ngħixu, aħna ma ngħixux biex nieklu. Il-ġuħ jiġi sodisfat b'ikel tajjeb, iżda l-ħniżrija dejjem "irrid u irid aktar". Ħniżrija qatt ma tiġi sodisfata, qatt ma hi biżżejjed, skond il-liġi tat-Testment il-Qadim, sakranaz jew ħanżir kellu jkun imħaġġar sal-mewt. (Dewt. 21:18-21). "Min jagħmilha maz-zaqqieqa jagħmel għajb lil missieru." (Prov. 28:7). Ftakru f'dak is-sinjur żaqqieq u skjav tax-xewqat, miet u sab ruħu fl-infern u f'uġieh kbir. (Luqa 16:22-31). Kemm hu ħażin ix-xorb,

Copyright AKGP

lanqas hemm bżonn jissemma, kulħadd jaf kemm hu ħażin. Alla jgħidilna ċar u tond fil-Kelma Tiegħu li l-ebda sakranaz ma jidħol fis-Saltna tas-Smewwiet. Il-birra mhix xi ikel, hija xarba li tħawwadlek u taffettwalek lil moħħok; u dawk li jixorbuha jagħmlu affarijiet mhux sew. Huma jsiru mmorali u anke joqtlu lil xulxin li kieku ma kienux jagħmlu hekk.
"L-inbid jagħmlek vjolenti, u x-xorb qawwi jagħmlek storbjuż, m'huwiex għaqli min jingħata għalihom." (Prov. 20:1). Dawk li jagħmlu u jbiegħu xorb qawwi huma ħatja wkoll quddiem Alla, għax Alla jgħid "Ħażin għal dawk li huma rġiel biex jixorbu l-inbid, u rġiel ta' saħħa biex iħalltu xorb qawwi." (Isaija 5:22). "Ikun ikkundannat ukoll jekk tagħti xorb lil għajrek u ssakkru." (Hab. 2:15). "Ma tafux li l-ħżiena ma jirtux is-Saltna t'Alla? La titqarrqux: la ż-żienja, la l-idolatri, la l-adulteri, la dawk li jħobbu s-subien u l-irġiel, la l-ħallelin, la r-rgħiba, la s-sakranazzi , la l-għajjura, lanqas dawk li jaħtfu ma jirtu is-Saltna t'Alla." (1 Kor 6:9-10). Id-dnubiet tal-bniedem huma magħrufin sew: l-adulterju, z-zena, l-azzjonijiet ħżiena, it-tbaħrid, l-idolaterija, s-seħer..... Nies isiru egħdewwa u jiġġieldu, jgħiru, jirrabjaw u jsiru ambizzjużi. Huma jisseparaw fi gruppi; jsiru għajjura, jiskru, jitħalltu sesswalment u jagħmlu affarijiet bħal dawn. Dawk li jagħmlu dawn l-affarijiet ma jidħlux fis-Saltna t'Alla. (Gal. 5:19-21).
"La tiskrux bl-Inbid, li fih hemm il-ħajja bla rażan; imma mtlew bl-Ispirtu Santu." (Eff. 5:18).
Ġesù tana dan l-invit għal kull min hu bil-għatx (spiritwali) "kull min hu bil-għatx għandu jiġi għandi u jixrob." (Gwann 7:37-38). "Ejjew kull min hu bil-għatx - hawn l-ilma! Ejjew intom li m'għandkomx flus ixtru l-qamħ u kulu! Ejjew ixtru inbid u ħalib - ma jiswilkom xejn!" (Isaija 55:1). "Dak li jixrob l-ilma li nagħtih jien qatt ma jaqbdu għatx. L-ilma li nagħtih jiġi għalih bħal ilma ġieri li tiprovdilu ilma tal-ħajja u ħajja ta' dejjem" (Gwann 4:14).

**4. Il-Fekruna** - tirrappreżenta l-għazz, diżubbidjenza, w seħer. Ir-ribelljoni daqs id-dnub tas-seħer. (1 Sam. 15:23). Xewqat l-



Copyright ANCP

għażżien toqtlu; għax idejh ma jridux jaħdmu, il-jum kollu jixxennaq. (Prov. 21:25-26). Gozwè qal lill-Izraeliti, "La titgħażżnux biex tmorru u tidħlu tieħdu l-art." (Imh. 18:9). In-natura hija għażżiena għall-affarijiet t'Alla. Ġesù qal, "Għamlu ħilitkom biex tidħlu mill-bieb id-dejjaq." (Lq. 13:24). "Min ifittex isib." (Matt. 7:8). "Is-Saltna tas-smewwit il-bnedmin qiegħdin jitħabtu bis-sħiħ għaliha u dawk li jitħabtu bis-sħiħ jaħtfuha." (Matt. 11:12).
Traskuraġni għas-salvazzjoni u ħajja spiritwali ta' ruħna twassalna għal mewt eterna. Iżżommna milli nitolbu, milli nfittxu fil-fond l-affarijiet t'Alla, milli taċċetta l-wegħdiet sbieħ li tana Alla. Twasslek għall-qerda tiegħek. Meta Alla jkellmek, jgħidlek biex tagħti qalbek għalih illum, ix-xitan jgħidlek tiha għada, jew xi darba oħra li sfortunatament tista' qatt ma tasal; int tmut mingħajr salvazzjoni u mingħajr Kristu. Alla jgħid, "Jekk tisma leħen il-Mulej illum, tkunux bħal ta' qabilkom li rrebellaw kontra Alla." (Lhud. 3:7-8). Kemm hawn nies li mietu spiritwalment billi jħallu s-salvazzjoni għal darb'oħra. Il-ġurnata t'għada m'hiex tagħkom. Il-qoxra tal-fekruna hija wżata ħafna mis-sħaħar, u għall-użu tal-maġija, u hawnhekk qigħda tħares lejn id-dnub tas-sħaħar, maġija, min jaqra l-fortuna, jew 'voodoo', flok induru u nafdaw lil Alla. Speċjalment fi żmien ta' prova, mard u tbatija. Aħna għandna ngħajtu l'Alla l-ħaj, li dejjem lest biex jgħina, minflok immorru nafdaw fix-xorti. "Il-Mulej imexxi lil kulħadd fi triqtu." (Salm 37:23). "Jekk hemm xi ħadd ma jiflaħx għandu jibgħat għax-xjuħ tal-knisja, li mbagħad jitolbu għalih u jidilkulu żejt taż-żebbuġ f'isem il-Mulej. It-talba tingħad bil-fidi tfejjaq lil dak li jkun. Il-Mulej ifejqu, u dnubietu jkunu maħfura. Għalhekk stqarru dnubietkom lil xulxin u itolbu għal xulxin, ħalli tkunu mfejqa." (Ġakbu 5:14-16). Alla ordna lill-Lhud u qal, "Tgħaddux lil uliedkom min-nar għas-sagrifiċju jew wieħed li jbassar, jew li jagħmel il-magħmul, jew ħabbar tax-xorti , jew saħħar jew wieħed li jgħajjen." (Dewt. 18:10-12). Barra l-belt (il-qaddisa) hemm il-klieb u s-sħaħar u ż-żienja u l-qattiela, u l-idolatri u dawk kollha li jħobbu jagħmlu l-qerq. (Riv. 22:15).
"Tmorrux għal pariri għand dawk li jikkonsultaw mal-ispirti tal-mejtin, għax titniġġsu bihom. Jiena l-Mulej Alla tagħkom." (Lev. 19:31). Iżda n-nies jgħidulek biex tistaqsi għal xi messaġġi mingħand dawk li jaqraw



Copyright ANCP

il-fortuna jew mingħand dawk li sejħu l-ispirti, dawk li jitkellmu leħen irqiq u għoli. Jgħidulek ukoll wara kollox in-nies għandhom isaqsu għal messaġġi mingħand l-ispirti tal-mejtin. Inti għandek twieġeb biex jisimgħu l-Kelma t'Alla x'qed tgħallimhom! Biex ma jisimgħux minn dawk li jsejħu l-ispirti, għax kull ma jgħidulhom mhux tajjeb. (Isaija 8:19-20).
Inti u taqra dal-ktieb, Alla qiegħed ikellmek u jgħidlek biex iddur minn dnubietek u tagħti ħajtek għalih, iżda l-ispirtu tal-fekruna li hu f'qalbek jgħidlek kull suġġeriment biex ma jħallikx tagħmel deċiżżjoni u jipprova jimlilek qalbek bil-biża. "X'ser jgħidu tal-familja, u sħabi, u n-nies jekk insir vera Nisrani? X'ser jiġri jekk ma nkunx nista nieħu sehem f'affarijiet ta' gost, tad-dinja iktar?" Minflok tara l-ġid ta' Ġesù Kristu, l-paċi sabiħa tiegħu, l-ferħ li ħadd ma jista jesprimih, il-Glorja tiegħu u l-ħajja eterna mimlija ferħ, int tibqa tara l-affarijiet li sa titlef jew titlaq meta taċċetta l-Kristu f'qalbek. Il-biża tal-bniedem u tal-mewt, iħalluk skjav tax-xitan. Iżda Kristu ġie biex jeħles lil dak li hu skjav ta' ħajtu minħabba l-biża tal-mewt. (Lhud 2:14-15). L-ispirtu ta' diżubbidjenza qiegħed jagħmlek supperv li qalbek issir iebsa daqs il-qoxra tal-fekruna.

**5. Il-Leopardu** - hu annimal selvaġġ u kattiv. Mibgħeda, rabja u nervi sikwit jirrenjaw fil-qalb tal-bniedem u ħafna drabi jwasslu għal qtil. Tista tipprova u anke jirnexxilek, li tikkontrolla n-nervi li jkollok, sakemm tisplodi b'feroċità kbira. Jaqbillek li tistqarr li qiegħed f'qalbek u titlob lilKristu biex jagħmlek ħieles. "La tinkorlax, u la tirrabjax, tinkedd xejn; dan jiswielek biss deni." (Salm 37:8). "Il-qilla u l-għadab huma qerda." (Prov. 27:4). "La tgħaġġilx fl-ispirtu tiegħek biex tagħdab: għax il-għadab ibejjet fi ħdan il-boloh." (Ekk. 7:9). "Eħles mill-korla." (Kol. 3:8). Ħafna beżżieħa jixorbu biex jagħmlu xi ħaġa ħażina, iżda jkun bħal velenu meħud mill-velenu tas-sriep. (Dewt. 32:33). It-tpattija tinżel tajjeb fil-qalb tal-midneb, iżda huwa Alla li jħallas għal ħażen. Ġesù qal "Ħobb' l-għajrek bħalek innifsek." (Mark 12:31) u "Ħobb l-egħdewwa tiegħek." (Matt. 5:44). Alla wiegħed maħfra għal ħażen tagħna jekk aħna naħfru lil ħaddieħor. (Matt. 6:12). Spirtu mdejjaq u dejjem igorr, idejqu l'Alla. Ix-xewqa tad-demm u l-ġlied, qiegħdin fil-qalb tal-bniedem,

għalhekk paċi għanda tiġi stabbilita fil-qalb.

**6. Is-Serp** - qarraq b'Eva fil-ġnien ta' Eden u kisser il-ħbiberija m' Alla. Satana kien għajjur għal Adam u Eva, meta rahom jirrenjaw fuq l-art, jgħixu b'għaqda perfetta m'Alla, jeħdulu postu. Minn ġo l-għira, Satana pjana l-qerda tagħhom, u rnexxielu jkisser dik l-għaqda u l-ħajja perfetta m'Alla. L-istess għira mxajtna fil-qalb tal-bniedem, teqred il-kuntentizza tal-qalb ta' dawk li jaraw ferħana u kuntenti. L-għira iġġib ħsibijiet ħżiena fil-qalb biex teqred il-paċi ta' ħaddieħor, u anke tista twassal għal qtil. Dan speċjalment f'xi ħajja miżżewġa. "Għax l-għira tkebbes il-għadab ta' żewġha u ma jaħfirhielux f'jum il-vendetta." (Prov. 6:34) Fix-xogħol u f'ħafna mumenti fil-ħajja din tikkaġuna dispjaċir u mibgħeda. Anke insara, predikaturi u ministri m'humiex meħlusin mill-għira, jekk Alla juża lil xi ħadd aktar minn ieħor. Huma għandhom ikunu dejjem attenti, mimlijin bl-imħabba pura t'Alla li hu tefgħalna f'qalbna permezz ta' l-Ispirtu Santu. (Rum. 5:5). Inkella l-użu li tagħhom Alla fil-ministeru jiġi mtebba bl-għira.

Copyright AIICP

**7. Iż-Żrinġ** - jirrappreżenta d-dnubiet tar-regħba u l-imħabba għall-flus li jwasslu għall-għerq tad-deni kollu. (1 Tim. 6:10). Hemm żrinġijiet fil-Congo li rawhom jieklu lin-nemel bil-mijiet sakemm infaqgħu u mietu. Bniedem rgħib, ma jħobbx jiftaħ idu biex jgħin lill-foqra u lil dawk fil-bżonn, iżda jipprova b'kull mod, onest jew le, biex jakkwista aktar ġid materjali. Ġesù stess qal, "La taħżnux teżori fl-art għalikom, fejn il-kamla u s-sadid iħassru, u fejn il-ħallelin jiftħu u jisirqu. Iżda aħżnu għalikom teżori fis-sema, fejn la l-kamla u la s-sadid ma jħassru, u fejn il-ħallelin la jiftħu u lanqas jisirqu: Għax fejn hu t-teżor tiegħek, hemm qalbek tkun ukoll." (Matt. 6:19-21). Akan u l-familja tiegħu ġew imħaġġrin għall-mewt għax ħabb id-deheb, fidda u ħwejjeġ (Gozwe 7). Ġuda l-Iskarjota, dixxiplu ta' Ġesù, tgħallaq għax l-imħabba tal-flus ġagħlitu jittradixxi lill-Mulej, mgħallem tiegħu. Mhux il-flus huma ħżiena l-anqas id-deheb, iżda l-imħabba għalihom li hi moħbija fil-qalb tal-bniedem.

Eluf ta' nies ta' klassi, u ta' soċjetà, qiegħdin jeqirdu ħajjithom u l-ħajja tal-

familji tagħhom b'dik ix-xewqa kera li jakkwistaw malajr u aktar ġid, b'mezzi ta' logħob tax-xorti u l-azzard għal somom kbar; bħal għażżwiemel, ecc. Ix-xewqa li ssir sinjur mingħajr ħafna xogħol, twasslek għas-serq u qtil u anke suwiċidju. Ix-xewqa tal-flus u regħba għandha għaqda ma affarijiet oħra, bħal xewqa ta' fama, saħħa, tista tkun saħħa politika, biex tigverna fuq ħaddieħor, saħħa finanzjarja biex tagħkkes lill-foqra. Saħħa reliġjuża billi tkun aktar moħħok fl-isem u l-organizzazjoni milli f'Alla, tiskorraġġixxi lil kull min jipprova u jkollu kuraġġ biex jimxi fi Kristu u mhux fil-knisja partikolari. (Mark 9:38). Ġesù qal "Araw tajjeb u ħarsu ruħkom mir-rebgħa: għax il-ħajja tal-bniedem mhix qiegħda fil-kotra tal-ġid li għandu." (Luqa 12:15) L-istorja ta' wieħed għani hi hekk, "Ir-raba ta' wieħed għani raddlu ħafna: U ħaseb fih innifsu, billi qal: X'nagħmel: għax m'għandix fejn naħżen il-għalejjel tiegħi? U qal: Hekk nagħmel: inħott l-imħażen tiegħi u nibni oħrajn akbar; u niġma' hemm il-qamħ kollu tiegħi u ġidi. U ngħid lil ruħi: Ruħ, għandek ħafna ġid merfugħ għal ħafna snin; strieħ, kul, ixrob u thenna. Imma Alla qallu: Ja iblah, dal-lejl ruħek tintalab minn għandek, imbagħad dak li ħejjejt ta' min ikun? Hekk hu dak li jaħżen teżori għalih innifsu, u mhux għani m'Alla." (Luqa 12:16-21). Għalhekk ngħidilkom biex moħħkom ma jkunx fuq l-ikel li sa tieklu u fuq il-ħwejjeġ biex tilbsu ..... Iżda kunu moħħkom fis-Saltna tas-Smewwiet u Alla jipprovdilek dawn l-affarijiet .... Għax qalbek tkun fejn it-teżor tiegħek hu. (Luqa 12:22-34).

Copyright ANGP

**8. Satana** - Il-missier tal-gideb u ta' dawk kollha li jigdbu; huwa dak li ġagħalna nidimbu, u huwa li jikmanda l-qalb. Ġesù qal, "Intom it-tfal ta' missierkom ix-xitan, u intom tridu timxu fi triqatu. Mill-bidu kien qattiel, u qatt ma kien fuq in-naħa tal-verità, għax m'hemmx verità fih. Meta hu jigdeb, hu jkun qiegħed jagħmel dak li hu naturali għalih, għax hu għajjur u missier il- gideb." (Ġwann 8:44). Gidba żgħira hija daqs gidba kbira. Hemm gideb li huma miktuba, jingħidu u rreċtati. Ipokrita huwa giddieb, għax fil-verità jippretendi dak li mhux. Alla ma jistax jigdeb - lanqas jista Nisrani. (Titus 1:2). Jekk aħna mela ngħidu li nimxu miegħu, u fl-istess ħin qiegħdin fid-dlam, qiegħdin niġbdu kemm fil-kelma, kemm ukoll f'azzjonitna. (1 Gwann 1:6). Għax barra huma l-klieb, u s-saħħara,

u z-zienja, u l-qattiela, u l-idolatri, dawk kollha li jħobbu u jagħmlu l-qerq. (Riv. 22:15). Alla ma jridx lil min jixhed bil-qerq u bil-gideb. (Prov. 6:19).

**9. L-Istilla** - titkellem fuq il-kuxjenza fil-qalb ta' kull bniedem. Hawn-hekk hija maħmuġa w ħażina, probabbilment mejta bid-dnubiet kontinwi w apposta, għamja u midinba, li ma tkunx tista tiġġudika l-azzjonijiet tagħha. Dil-kuxjenza tista tkun kultant kwieta, kultant inkwetata. Takkuża meta suppost tiskuża, u tiskuża meta suppost takkuża. Tista tkun mejta bħallikieku ġiet maħruqa b'ħadida taħraq, u tkun tilfet kull sens li tħoss minħabba l-abbandun tal-fidi, ubbidjenza lill-ispirti giddieba, timxi wara tagħlim tax-xjaten u tisma minn tagħlim mgħallem b'makakkerija u gideb. (1 Tim. 4:1-2; Lhud 10:22).

**10. L-Għajn** - t'Alla tara kull ma jsir ġol-qalb. Xejn ma jista jkun moħbi minn għajnejh, u għalhekk Hu jaf u jara kull sigriet ta' ħsieb jew intenzjoni ġol-qalb. Jekk tagħmel il-ħażen fl-aktar lejl mudlam u fl-aktar post moħbi, Alla jarak. (L-għajnejn f'dawn l-istampi jaqblu mal-espressjoni tal-wiċċ tal-bniedem).

**11. L-Ilsna żgħar tan-nar** - idawwlu l-qalb biex juru l-imħabba t'Alla madwar il-qalb bid-dnub. Waqt li Alla jobgħod id-dnub, Hu jħobb lill-bniedem u ma jridx il-mewt tal-midneb, iżda li jdur mid-dnub u jgħix. (2 Piet. 3:9). Ġesù ġie biex isalva lill-midinbin. Ikun hemm ferħ kbir fis-sema meta midneb jikkonverti. (Luqa 15:7). L-ilsna żgħar tan-nar juruna wkoll id-demm ta' Ġesù Kristu, "Il-ħaruf t'Alla, li jneħħi d-dnubiet tad-dinja" (Gwann 1:29).

**12. L-Anġlu** - jirrappreżenta l-Kelma t'Alla. Alla jrid ikellem lil dawk kollha li ġew traduti u qegħdin jerfgħu toqol kbir tad-dnubiet, ħalli minn ħajja kollha dnubiet huma jħallu d-dawl t'Alla jidħol f'qalbhom.

**13. Il-Ħamiema** - hija sinjal tal-Ispirtu Santu, l-ispirtu li jikxef il-verità dwar Alla, dwar id-dnub u dwar dak li hu tajjeb, u dwar il-ġudizzju t'Alla.



Copyright ANSP

(Ġwann 15:26). L-Ispirtu Santu hawn jidher li mhux fil-qalb tal-bniedem. Ma jistax jgħammar fejn hemm id-dnub.
Jekk din l-istampa ta' dil-qalb hija fil-kundizzjoni ta' qalbek, għajjat lill-Mulej, iftah qalbek Għalih, ħalli d-dawl tal-Kelma Tiegħu tiddi ġewwa fik. Emmnu fil-Mulej Ġesù u ssalvaw. (Atti 16:31). Alla hekk irid, iva, Hu wiegħed li ibiddillek qalbek biex jagħtik qalb ġdida u moħħ ġdid. (Ezek. 11:19). Dan huwa spjegat fit-tieni stampa.

## IT-TIENI STAMPA

Din l-istampa turi qalb li kkonvertiet u bdiet tfittex l'Alla. L-anġlu qiegħed iżomm xabla, l-Kelma t'Alla li hi "ħajja u attiva taqta aktar minn kull xabla misnuna miż-żewġ naħat. Taqta minn barra għal ġewwa sa fejn l-ispirtu u r-ruħ jinqatgħu, sa fejn il-ġogi u l-mudulun jeħlu. Hi tiġġudika x-xewqat u l-ħsibijiet fil-qalb tal-bniedem." (Lhud 4:12). Il-Kelma t'Alla tfakkru "l-ħlas tad-dnub hu l-mewt." (Rum. 6:23) u li "kulħadd irid imut xi darba u wara jiġi ġġudikat (Lhud 9:27). Il-post għal midinba u ta' dawk li ma jemmnux huwa l-għadira tan-nar u l-kubrit. (Riv. 21:8).

## IL-QALB KONVINTA MID-DNUB

Fl'id l-oħra l-anġlu qiegħed iżomm ras ta' skeletru. Din biex tfakkar lill-midneb li kulħadd sa jmut. Ġisimna li tant inħobbu, nitimgħu, inlibsu u nsebħu, nagħtuh l-attenzjoni kollha biex naqtgħulu xewqtu; sa jmut u jispiċċa u d-dud jeqirdu, waqt l-ispirtu tagħna u r-ruħ jgħixu għal dejjem u xi darba jidhru quddiem Kristu, biex jiġu ġġudikati minnu. (2 Kor. 5:10).
Hawn naraw lill-midneb jagħti kas tal-messaġġ t'Alla u jiftah qalbu għal Alla. L-Ispirtu s-Santu jibda jgħaddi minn ġo dik il-qalb mudlama u midinba. Id-dawl t'Alla jidħol biex ineħħi kull dlam li jkun hemm. Meta d-dawl t'Alla jidħol, id-dlam ikollu jitlaq. Id-dnub irrappreżentat b'annimali differenti, jkollu jitlaq. Għalhekk egħżież qarrejja ħallu l-Ġesù, d-dawl tad-dinja, jidħol f'qalbkom u d-dlam u l-azzjonijiet ħżiena joħorġu mill-qalb kif hawn muri fl' istampa. Ġesù qal, "Jien id-dawl tal-ħajja, kull

Copyright ANGP




2. IL-QALB KONVINTA MID-DNUB

min jimxi warajja ikollu d-dawl tal-ħajja u qatt ma jimxi fid-dlam." (Ġwann 8:12). Int qatt ma jirnexxielek tneħħi d-dnub minn qalbek waħdek, bl-għerf tiegħek jew bl-għerf ta' ħaddieħor. L-aktar mezz sempliċi, li huwa l-uniku wieħed, huwa li tħalli l-Ġesù d-dawl jidħol fik, u d-dlam li hu d-dnub ikollu jitlaq. Il-qamar u l-kwiekeb jistgħu jagħtuna ftit dawl bil-lejl, iżda meta titla x-xemx, id-dlam kif ukoll dak id-dawl żgħir jitlaq. Ġesù huwa d-dawl tal-verità. Meta hu daħal fit-tempju f'Ġerusalem, Hu keċċa lil dawk kollha li kienu jbiegħu u jixtru hemm. Hu qaleb l-imwejjed tas-sarrafa u ta' dawk li kienu jbiegħu l-ħamiem, waqt li qal "Hu miktub fl-Iskrittura li Alla qal, 'It-tempju tiegħi hu dar it-talb, iżda intom għamiltuh għar tal-ħallelin." (Matt. 21:13). Qalbek hija intenzjonata li tkun id-dar t'Alla, t-tempju t'Alla, Hu jrid joqgħod fiha, għamilha sabiħa, imliha bid-dawl,bl- imħabba u l-ferħ. Ġesù ma ġiex biex jaħfrilna dnubietna biss, iżda ġie biex jeħlisna u jħollna minn kull saħħa u dominazzjoni tad-dnub. "Jekk l-Iben (Ġesù) jagħmilhom ħielsa, tkunu veru ħielsa." (Ġwann 8:36).

Copyright ANCP

## IT-TIELET STAMPA

Din l-istampa turina l-kundizzjoni ta' qalb li kkonvertiet. Huwa issa jara l-kobor u l-ħżunija ta' ħafna mid-dnubiet tiegħu, u għaliex Kristu miet fuq is-salib. Kif l-anġlu, li hu l-Kelma t'Alla, jurih, is-salib, jaqsamlu dik il-qalb dispjaċuta, u jħoss dispjaċir kbir għad-dnubiet kollha li għamel. Kif jara l-imħabba kbira t'Alla f'Ġesù Kristu, l-imħabba iddewwiblu qalbu, speċjalment kif jibda jirrealizza li Ġesù Kristu, Iben Alla, ġie biex ineħħilu l-ħafna dnubiet tiegħu, billi kien lest joħodlu postu fuq is-salib. Il-fatt li Ġesù ġie msawwat, inkurunat bix-xewk, imsammar minn ġo idejh u saqajh jolqot ħafna u fil-fond lill-qalb ikkonvertita , biex kompletament ibiddel qalbu u ħajtu. Waqt li qiegħed jaqra l-Kelma t'Alla fejn jista jara lilu nnifsu bħal f'mera, huwa aktar jirrealizza kemm kien ilbogħod minn Alla, u kemm ma obdiex il-kmandamenti tiegħu. Huwa jkun rebaħ lid-dwejjaq u lid-dispjaċir, hekk kif jagħti qalbu lil Alla, bi dmugħ u biki; Ġesù jiġbdu lejh. L-imħabba u l-paċi t'Alla jidħlu f'qalbu




### 3. IL-QALB LI KKONVERTIET

u jara li d-"demm ta' Ġesù, Iben Alla, jnaddafna minn kull dnub." (1 Ġwann 1:7). "Tini qalb ġdida, O Alla, u poġġi spirtu lejali fija." (Salm 51:10). Il-Kelma t'Alla wkoll tgħid, "Jien kuntent b'dawk kollha li huma umli w kkonvertew, li jibżgħu minni u jobduni." (Isaija 66:2). L-Ispirtu s-Santu jagħmlu l-kliem ta' Ġesù aktar ċar għalih, "kuraġġ ibni (binti)! Dnubietek maħfura." (Matt. 9:2). Waqt li jkun għadu jħares lejn is-salib u lejn id-demm ta' Ġesù li kien ixxerred fuq is-salib, jemmen dak kollu li sar għalih. Jibda jirrealizza ukoll li t-toqol tad-dnubiet ġie mneħħi, għax Ġesù sofra tbatija li kienet tagħna, għax "bi dnubietna Hu kien imsawwat u miġruħ għal ħażen tagħna" i l-Mulej għamel, li jieħu l-kastig tagħna Hu. (Isaija 53).

L-Ispirtu s-Santu u l-imħabba t'Alla jieħdu l-kontroll tal-qalb ippurifikata. Waqt li jemmen b'Ġesù, jinduna li dnubietu ġew maħfura, u b'hekk isib l-assigurazzjoni f'qalbu u fid-demm ta' Ġesù, l-Iben t'Alla, li nadfu minn kull dnub. (1 Gwann 1:7) Huwa issa żgur li min jemmen fi Kristu ma jmutx (spiritwalment), iżda jgħix għal dejjem. (Ġwann 3:16). "Għax bis-sagrifiċċju u l-mewt ta' Ġesù, aħna ħielsa, jiġifieri dnubietna maħfura." (Eff. 1:7). Ix-xewqat ħżiena tan-natura issa ġew mibdula fix-xewqat li jgħix għal Alla u li jaqdih "għax hu l-ewwel ħabbu" (1 Ġwann 4:19). Minflokk iħobb id-dinja u l-affarijiet tagħha, hu issa jħobb l-affarijiet t'Alla.

F'din l-istampa għalhekk insibu l-annimali jirrappreżentaw id-dnub, barra mill-qalb. Għalkemm Satana ma jkunx irid jitlaq id-dar li kellu, jibqa jħares lura u jipprova jsib minn fejn jerġa jidħol. Għalhekk il-Mulej Ġesù jgħidilna biex noqogħdu attenti u nitolbu; biex nirreżistu lix-xitan, ħalli hu jitlaq il-bogħod minna. (Ġakbu 4:7)

## IR-RABA' STAMPA

Din l-istampa turi nisrani li sab paċi perfetta u salvazzjoni eterna fil-mewt tal-Mulej u Salvatur, Ġesù Kristu u għalhekk, hu ma jiftaħar b'xejn aktar "ħlief bis-salib tal-Mulej Ġesù Kristu; li bis-salib tiegħu d-dinja hija mejta għalina, u aħna mejta għad-dinja." (Gal. 6:14). Ġesù miet fuq is-salib ħalli aħna nkunu wkoll "mejta għad-dnub u ngħixu għall-verità." (1



Copyright AMCP




## 4. TMUT MA' KRISTU

Pietru 2:24). Nisrani li miet għad-dinja, huwa jħalli l-Ispirtu jidderieġi l-ħajtu, u ma jħallix ix-xewqat tan-natura jwaqqgħuh. (Gal. 5:16,25).
Il-kolonna li magħha rabtu lill-Mulej Ġesù wara li neħħewlu ħwejġu, tidher f'din l-istampa tal-qalb, kif ukoll il-frosta li ssawwat bl-ikrah biha. Hu ġie kkastigat għal dnubietna għax "aħna mfejqa bil-kastigi li hu sofra." (Isaija 53:5). Erodi u s-suldati għajjruh u wara li sawtuh waħħlulu kuruna tax-xewk f'rasu, minflokk li kurunawh b'kuruna tad-deheb, u qiegħdulu qasba f'idu flok ix-xettru ta' re, u tbaxxew quddiemu u għajjruh, "Jgħix għal dejjem ir-re tal-Lhud!" Beżqulu, u ħadulu l-qasba minn idu u sawtuh fuq rasu. Wara dan kollu huma ħaduh u salbuh. (Matt. 27:27-31).
Hemm ħafna llum jissejħu Nsara li jitolbu, jaqsmu sagrament tat-tqarbin flimkien, jgħannu kant lil Alla u xorta bl-azzjonijiet ħżiena tagħhom qiegħdin isallbu lill-Iben t'Alla kull darba. (Lhud 6:6). "Mhux kull min jgħidli Mulej Mulej jidħol fis-Saltna tas-Smewwiet, iżda dawk kollha li jagħmlu li Missieri fis-sema jridhom jagħmlu.: (Matt. 7:21-27).
F'din l-istampa nsibu wkoll il-borza tal-flus ta' Ġuda, dak li tradixxa w biegħ lill-Mulej Ġesù għal tletin biċċa tal-fidda, għaliex il-kilba għall-flus ħakmitlu 'l qalbu w ma ħallietux jaħseb f'xejn aktar. Il-lanterna, katina, ecc., kienu wżati mis-suldati li ħadu l-Ġesù priġunier, bil-lejl. Il-pedina li tintuża għall-logħob tal-azzard, kienu wżati mis-suldati meta lagħbu ħwejġu. "Huma jilagħbu għall-ħwejġi u jaqsmuhom bejniethom." (Salmi 22:18). Huma ħadu kollox minn għand Ġesù. Iżda lilu ma rriduħx billi qalu, 'Aħna ma rridux lil dan ir-raġel bħala s-Sultan tagħna.
Kulħadd ġeneralment irid jirċievi l-barkiet t'Alla, x-xita u x-xemx, iżda ma jridux jagħtu ħajjithom għal Alla bħala l-Mulej u Salvatur. Għal ħafna, Alla huwa tajjeb biss biex jgħin fi żmien ta' nkwiet u dwejjaq.
Bil lanza, s-suldati nifdulu ġembu u qalbu, "u mill-ewwel demm u ilma ħareġ." (Gwann 19:33-37). Qabel idden is-serduq, Pietru ċaħdu tliet darbiet, iżda wara nidem u beka. (Matt. 26:69-75).
Tiddikjara fil-miftuħ li tajt ħajtek lil Ġesù Kristu, bli tagħmel u tgħid? Jew tistħi turi lil ħaddieħor? Ġesù qal, "Jekk xi ħadd jiddikjara fil-beraħ li hu tiegħi, jien nagħmel l-istess quddiem Missieri li qiegħed fis-smewwiet. Iżda jekk xi ħadd jiċħadni fil-miftuħ, jien niċħdu quddiem

Copyright ANCP

Missieri fis-smewwiet." (Matt. 10:32,33).
Ġesù qal ukoll, "kull min ma jerfax is-salib tiegħu u jimxi warajja mhux tajjeb biex ikun dixxiplu tiegħi." (Matt 10:38). Ferħana huma dawk li jfittxu l-protezzjoni f'Ġesù Kristu!

'Blata taż-żminijiet, idħol għalija,
Ħallini nistaħba ġo fik;
Ħalli l-ilma u d-demm
Li minn ġo ġembek ħareġ,
Ikun kura doppja għal dnubieti;
Naddafni minn kull ħtija u saħħa tad-dnub.'

## IL-ĦAMES STAMPA

Din l-istampa turina qalb nadifa u safja ta' midneb li ġie salvat bil-grazzja u l-ħniena kbira t'Alla. Hija ġiet it-tempju veru t'Alla, d-dar t'Alla, l-Missier, l-Iben, u l-Ispirtu s-Santu, skond il-wegħda tal-Mulej Ġesù Kristu, "Kull min iħobbni u jobdini, Missieri jħobbu, u Missieri u jien niġu għandu u noqogħdu miegħu." (Gwann 14:23). Alla jonora, jbierek, u jgħolli n-nies minn ġo Ġesù Kristu. (Luqa, l: 52).
Il-qalb issa ġiet tempju veru t'Alla. Id-dnub ġie mkeċċi l-barra. Minflokk, l-annimali kkontrollati minn Satana, missier il-gideb, aħna naraw l-Ispirtu s-Santu, l-ispirtu tal-verità jgħammar fil-qalb. Minflok post fejn jinbed id-dnub, il-qalb ġiet sabiħa, ġnien tal-frott, bil-frott tal-Ispirtu Santu, bħall-imħabba, ferh u paċi. Umiltà, paċenzja, ħniena, tjubija, fedeltà, kontroll fuqek innifsek u oħrajn li huma aċċettati w jogħġbu 'l Alla u l-bniedem. (Gal. 5:22-23). Ġie issa zokk tal-frott-Il-Mulej tagħna Ġesù Kristu. Is-sigriet ta' dan iz-zokk huwa li tibqa marbut fi Kristu, u Kristu kif ukoll Kliemu jibqgħu miegħek. (Gwann 15:1-10).
Kif tkun mimli u mgħammed bl-Ispirtu Santu, jkollok is-saħħa li tirbah lin-natura u x-xewqat tagħha, u toqtolha (Gal. 5:24). L-ispirtu Santu jmexxik u ma jissodisfax ix-xewqat tan-natura (Gal 5:16). Ma tgħix aktar bli tara tisma u tħoss, iżda bil-fidi-għax "Aħna nirbħu l-vitorja fuq id-dinja bil-fidi." (1 Gwann 5:4). Int tgħix b'assigurazzjoni u xewqa u tissaħħaħ billi tistenna l-miġja viċina ta' Ġesù Kristu. Tgħix b'esperjenza



Copyright ANGP




5. IT-TEMPJU T'ALLA

ta' mħabba t'Alla li tibqa għal dejjem.
"Imberkin dawk ta' qalbhom tajba; għax huma jaraw l' Alla!" (Matt. 5:8). Is-sultan David, minkejja l-ġid u rebħiet li kellu fuq l-egħdewwa tiegħu, kien jaf li l-akbar battalja kienet sejra f'qalbu u għaraf il-bżonn spiritwali li kien jeħtieġ ħafna, u talab, "Tini qalb ġdida O Mulej, u tini spirtu lejali ġo fija." (Salmi 51:10). Ħadd ma jista jnaddaf lil qalbu u jagħmel qalb nadifa, sakemm ma jindimx u jdur għal-Alla bħal David, titolbu għal qalb pura. Alla jrid jagħmel xi ħaġa ġdida f'ħajtek. Issewwi ħwejġek l-imqattgħin, u mtertqin tat-tjubija tiegħek b'wegħdiet foloz u sigurtà, ma jagħmlux qalbek biex Alla jgħammar fiha. Huwa lest biex jgħinek għax wegħdek, "Għax jien nibgħat ilma nadif fuqek u nnadfek mill-idoli tiegħek u kull ħaġa li tfixklek. U qalb ġdida nagħtikom ukoll, u spirtu ġdid inqiegħed fikom: u naqlalkom il-qalb tal-laħam u nagħmel li timxu skond l-istatuti tiegħi u tħarsu l-ordinanzi tiegħi u tagħmluhom." (Ezek. 36:25-27). Dan hu l-messaġġ tat-Testment il-Ġdid li Alla tagħna per-mezz ta' Ibnu Ġesù Kristu.
F'din l-istampa l-anġlu reġa' deher. L-anġli huma mpoġġija biex "jgħassu lil dawk li jonoraw lill-Mulej u jeħilsuhom minn kull periklu." (Salmi 34:7; 91:11 Dan. 6:22; Matt 2:13; 13:39; 18:10; Atti 5:19, 12:7-10).
Ix-xitan ukoll jidher f'din l-istampa, wieqaf ħdejn il-qalb ifittex l-opportunità biex jerġa jidħol fid-dar li kellu qabel. Għal din ir-raġuni aħna mwissija "Ishru, għax il-għadu tagħkom, ix-xitan, bħal iljun igħajjat, idur, ifittex lil min jibla." (1 Piet. 5:8). Ħafna drabi jidbiddel f'anġlu tad-dawl, jittanta lit-tfal t'Alla li huma traskurati bix-xewqat tad-dinja, jipprova b'makkakerija biex jittradihom, u anke lill-bnedmin magħżula t'Alla. "Iżda jekk tiqfulu lix-xitan, hu jaħrab minnkom." (Ġakbu 4:7).

## IS-SITT STAMPA

Din l-i stampa xejn m'hi sabiħa, ta' wieħed li jerġa lura għad-dnub. Għajn minnhom qiegħda tingħalaq, li tfisser li qiegħed jibred u jorqod fil-ħajja nisranija tiegħu, waqt li l-għajn l-oħra mingħajr mistħija tħares 'l-



Copyright ANCP

hemm u 'l-hawn, tinħabb mad-dinja. Id-dawl ta' ġewwa tbaxxa u l-istampi f'qalbu li kienu juru kemm kien lest isofri ma Kristu, waqgħu u m'għadhomx weqfin. Huwa mdawwar b'tentazzjonijiet li qiegħed iċedi għalihom, flok jirreżistihom. Minflok jisma leħen Alla issa hu jisma' leħen qarrieq tax-xitan u l-wegħdiet foloz. Għalkemm ikun għadu jmur il-knisja, jaħbi x-xewqat ħżiena tad-dinja taħt forma ta' reliġjon, l-imħabba t'Alla birdet f'qalbu. Huwa sar indeċiż bejn żewġ ħaltejn. Jibda jiċċajta ma l-affarijiet tad-dinja u jippretendi li jħobb l-Alla. L-istilla f'qalbu, l-kuxjenza tiċċara. Is-salib m'għadux merfugħ bi tbissima, iżda sar dwejjaq u tqil. Il-fidi tiegħu ma tibqax soda, jieqaf jikkomunika m'Alla bit-talb, isir traskurat u ma jimpurtaħx dwar il-kundizzjoni ta' qalbu. Bil-mod jagħmel post għax-xitan li jkun qiegħed jistenna barra qalbu. Jibdew jogħġbuh il-kumpaniji ta' nies ħżiena milli dawk ta' nies veru t'Alla.

Il-pagun, li jirrapreżenta l-kburija, jibda jerġa jara minn fejn jidħol. Hu jinsa li kien salvat biss bil-grazzja, u jsir Nisrani kburi. Ix-xewqa li jerġa jibda jixrob, terġa tibda tħabbat fuq il-bieb biex tidħol. Tista tkun f'xi okkażżjoni speċjali, fil-kumpanija ta' ħbieb ħżiena u hu jistħi li jaħsbuh differenti, jew dgħajjef, jew mhux soċjali, u x-xitan jgħidlu li darba mhux sa jagħmel ħażin, u mhux sa taffetwalu l-ħajja spiritwali. Ħsibijiet u xewqat ħżiena jerġa jibda jħosshom. Jerġa jibda jisma ċajt immorali, li jħares u jerġa jħares lejn stampi indeċenti, u tibda togħġbu kumpanija ħażina, jmur fis-swali ta' żfin, u jfittex pjaċiri tad-dinja. Jieħu suġġerimenti mingħand ix-xitan li jgħidlu li din hi n-natura u dnub wieħed mhux veru ħażin.

Veru li ħafna ħsibijiet ħżiena jgħaddu minn ġo moħħna, iżda aħna nkunu ħatja jekk inħalluhom jikkontrollawna u jbejtu f'qalbna u jitrabbew bil-ħażen tagħna. Jekk nagħtu lix-xitan is-seba' ż-żgħir żgur jaħtfilna jdejna u jiġbed lir-ruħna u l-ispirtu għall-infern ta' dejjem. Għalhekk it-twissija li jagħtina Alla hija li naħarbu l-passjonijiet taż-żgħożija u ma niċċajtawx mad-dnub, jiġi minn fejn jiġi, aħarbu għal-Ġesù Kristu l-protettur tagħna. Ir-raġel li jidher f'din l-istampa jagħti lil qalbu b'sikkina, jitkellem fuq dawk li jaqbdu mal-Insara, u jirreżisti lill-Kristjaniżmu. Bil-gideb tagħhom u lsien inigges, iweġġgħulhom lil qalbhom. B'attakki li qalb



Copyright ANGP




6. IL-QALB ITTANTATA U MAQSUMA

maqsuma ma tistax tiflah għalihom. Jibda jibża mill-bniedem aktar milli minn Alla. Minħabba f'hekk jibda jagħmel dak li jgħidulu huma, u jsir skjav tal-bnedmin u jmur lura l-bogħod minn Alla. Rabja u suppervja, jerġgħu jibdew jidhru fi żmien ta' nkwiet u diżappunt. Is-serp ta' l-għira jidher bla mistenni, meta xi ħadd ikollu suċċess aktar minnek u prospetti aħjar minn tiegħek. Jekk tafda jiftaħlek qalbek għal mibgħeda u suppervja.

Huwa faċli li l-imħabba għall-flus tidħol f'qalbna jekk ma nobdux it-twissija ta' Ġesù li tgħid, "Ishru, u itolbu biex ma tidħlux fit-tiġrib." (Matt.26:41)). "Għalhekk min jaħseb li hu wieqaf fis-sħiħ, ha jara li ma jaqax." (1 Kor. 10:12). "Ilbsu l-armatura kollha t'Alla, biex tkunu tifilħu żżommu kontra t-tnassis tax-xitan."
(Eff. 6:11-18).

## IS-SEBA STAMPA

Din l-istampa tikxef il-kundizzjoni ta' qalb li reġgħet lura għad-dnub, li wara li kien darba fid-dawl t'Alla u daq id-doni tas-sema, u rċieva l-Ispirtu s-Santu, abbanduna lill-fidi. (Lhud 6:4). Turi wkoll il-kundizzjoni ta' bniedem li qatt ma nidem jew ta' ħajtu l'Alla, allavolja l-fatt, fil-verità tal-Evanġelu li jgħiduli "aħbar tajba" kienet offruta u mikxufa lilu. Raġel supperv, meta Alla jitkellem miegħu, jsir għar u għar, allavolja jipprova jbiddel lilu nnifsu.

Ġesù stess jiddiskrivi persuna bħal din meta qal, "Meta l-ispirtu mniġġes joħroġ minn bniedem, jimxi f'postijiet nexfin, ifittex il-mistrieħ; u meta ma jsibx jgħid: Nerġa mmur dari mnejn ħriġt. U meta jiġi isibu miknus u mżejjen. Imbagħad imur u jieħu miegħu seba spirti oħra agħar minnu nnifsu; u jidħlu u jgħammru hemm, u l-qagħda ta' dak il-bniedem tkun agħar minn ta' l-ewwel." (Luqa 11: 24-26). "Reġa l-kelb għall-vomtu tiegħu; u l-ħanżira maħsula għat-tmegħik tagħha fit-tajn." (2 Pietru 2:22). Din l-Iskrittura tispjega ċar il-kundizzjoni ta' wieħed li qatt ma nidem jew reġa' lura. Id-dnub u l-makakkerija tiegħu terġa tiġi lura biex tiikkontrolla l-qalb. Anke wiċċu jikxef b'xi mod il-kundizzjoni ta' qalbu. L-Ispirtu s-Santu jiġi mġiegħel jitlaq mill-qalb, għax mad-dnub l-Ispirtu



Copyright ANGP




**7. IL-QALB LI REĠGĦET WAQET GĦAD-DNUB JEW SUPPERVA**

Santu ma joqgħodx. Huwa mpossibli għall-qalb li tkun tempju t'Alla u fl-istess ħin moħba għax-xitan. L-anġlu, l-Kelma t'Alla jitlaq ukoll imdejjaq, xorta jħares lura jistenna lil dak li jkun jiddispjaċih bħal dak it-tifel il-mitluf li "xtaq li jiekol mill-ikel tal-ħnieżer, iżda ħadd ma tah biex jiekol. Fl-aħħar ġie f'sensih u qal: Inqum u mmur għand missieri, u qal 'Jien dnibt kontra Alla u kontrik, m'għadnix tajjeb biex nissejjah ibnek.' Il-missier wara li ra d-dispjaċir tat-tifel ħafirlu u laqgħu ferħan." (Luqa 15:16-20).
Il-qalb f'din l-istampa ma turi l-ebda ndiema vera. M'hemmx ħarsien lejn Alla, m'hemmx tfitxija għal maħfra mingħand Ġesù. Il-kuxjenza bħal ġiet maħruqa b'ħadida taħraq u msikkta. Hu għandu widnejn, iżda ma jismax il-għajta ta' Ġesù. Hu għandu għajnejn, iżda ma jarax it-toqba bla qiegħ tal-infern ħdejn saqajh. M'għadux jistħi u jkompli f'dnubietu. Satana ġie jgħammar u jikmanda f'qalbu bħal re. Ikun possibli li jiftaħar fil-miftuħ li hu bniedem diċenti u rispettabli, li jkollu dehra reliġjuża, bħal TA' qabar imbajjad, "li jidher sabiħ minn barra iżda kollu għadam u iġsma jitħassru minn ġewwa." (Matt. 23:27).
Missier il-gideb jokkupa l-post ta' l-Ispirtu tal-Verità. Kull annimal, kull dnub, jidħol id f'id ma demonju speċjali, u spirti ħżiena jokkupaw 'il-qalb. Għalkemm jipprova jeħles lilu nnifsu minn dawn it-turmenti ħżiena, jibqgħu jorbtuh. "Kull min ma jobdix il-liġijiet ta' Mosè, għandu jinqatel mingħajr ħniena meta misjub ħati, fuq xhieda ta' tnejn jew aktar. X'ingħidu mela għal dik il-persuna li tistmel lill-Iben Alla l i tittratta bħallikieku ma kien xejn id-demm tar-rabta t'Alla li tnaddfu minn kull dnub li jinsulta lill-Ispirtu tal-Grazzja? Aħseb biss kemm agħar sa jkun il-kastig ta' dik il-persuna!" (Lhud 10:28,29; 2 Pietru 2:1-14).
Jekk din l-istampa taqbel mal-kundizzjoni ta' qalbek, għażiż ħabib, għajjat l'Alla mingħajr telf ta' żmien, minn qiegħ qalbek. "Huwa dejjem jibqa' lest, biex isalva lil dawk li jiġu għandu." (Lhud 7:25). Dejjem lest biex jaħfer id-dnubiet. Jekk int tmur b'indiema vera Hu jwaqqaf lix-xjaten u d-demonji kollha, u jkeċċihom minn qalbek, jekk int lest li tħallih. Mur bħall-imġiddem li mar għand Ġesù u qallu, "Jekk trid tista tnaddafni", Imqanqal mill-ħniena, Ġesù medd idu fuqu messu u qallu: "Irrid, kun imnaddaf" (Mark 1:40,41). Iżda jekk tibqa tkun supperv u

Copyright AMGP

tħobb id-dlam aktar mid-dawl, m'għandekx ċans u għajnuna għax tkun għażilt l-mewt minflok il-ħajja. "Ħlas id-dnub huwa l-mewt." (Rum. 6:23).

## IT-TMIEN STAMPA

Hawn insibu l-midneb supperv li baqa ma għamilx deċizzjoni li jimxi wara Kristu, viċin il-mewt, ġismu jista' jkun kollu wġiegħ u ruħu mimlija biża' tal-mewt. Il-mewt (l-iskaletru) waslet f'ħin mhux mistenni u bla ma kien mixtieq. Il-pjaċir falz tad-dnubiet tar, u ġie wiċċ imb'wiċċ mal-kruha tad-dnub fir-realtà jista jara t-tbatija tal-infern quddiemu. Għalkemm jixtieq li jitlob, issa jsiba bi tqila, u jsib li ma jkunx jista jikkomunika m'Alla li l-imħabba tiegħu jkun warrabha għal żmien twil. Sħabu donnhom jibżgħu joqogħdu ħdejn is-sodda tiegħu u kliemhom fil-vojt ma jistgħux isabbruh issa. Il-ġid tiegħu lanqas jista jtawwallu ħajtu, lanqas isalvalu ruħu, jew inaqqasslu t-tbatija li ruħu tinsab fiha. Huwa jsib li huwa mpossibli li jikkonċentra fuq Alla għax ix-xitan ma jagħtihx l-opportunità.
Kull ma kien iħobb u jgħix għalih, jidher li jibdew jittantawh u anke probabilment dak il-ministru mhux salvat, jew qassis jew kap tal-knisja, ma jistgħux jgħinuh issa. Bħal ma warrab l-imħabba t'Alla u ġie taħt il-ġudizzju tiegħu, jibda jirrealizza li "Hu tal-biża li taqa f'idejn Alla l-ħaj." (Lhud 10:31). Hu kien jittama li jagħti ħajtu 'l Kristu meta kien jaqbillu jew fuq is-sodda tal-mewt, iżda jsib li hu tard wisq. Eluf ta' nies imutu f'daqqa mingħajr ċans li jduru lejn Alla fuq is-sodda tal-mewt. Għalhekk huwa essenzjali li ddur lejn Alla meta hu ċ-ċans. Minflokk jisma l-kliem sabiħ u ta' żegħil u ta' salvazzjoni minn għand Alla, dal midneb li qiegħed imut, li warrab il-maħfra t'Alla f'ħajtu, jkollu jisma l-vuċi tal-imħallef, is-Salvatur li hu warrab jgħidlu, "Tbiegħdu , intom li qiegħdin taħt is-saħta t'Alla! Itilqu fin-nar ta' dejjem li kien ppreparat għax-xitan u l-anġli tiegħu." (Matt. 25:41). Kulħadd imut darba u wara l-ġudizzju. (Lhud 9:27).




**8. IL-ĠUDIZZJU TAL-MIDNEB**

## ID-DISA' STAMPA

Din l-istampa tirrapreżenta Nisrani li jibqa fidil u jirbaħ il-vittorja wara provi ibsin u tentazzjonijiet. Minkejja t-tentazzjonijiet minn kull naħa, baqa jżomm sod sa l-aħħar u kien rebbieħ b'Ġesù Kristu. Mhux talli rebaħ it-tirġrija Nisranija, iżda qiegħed ikompli jiġriha b'determinazzjoni. "Għajnejh fuq Ġesù, fuq min il-fidi tibda u tispiċċa." (Lhud 12:1,2). Satana u bid-demonji tiegħu, idawwru l-qalb salvata u mingħajr suċċess ma jdawruhiex kontra Alla: kburija, mħabba għall-flus, immoralità u oħrajn jiġu wkoll rappreżentati. Minflok il-leopard issa naraw ħmara, għax ħafna drabi d-dnub jiġi b'mod differenti u jinħeba b'forom u ismijiet differenti. Iżda dak in-nisrani li dejjem attent, ikun jaf lid-dnub anke meta jiġi b'forma ta' reliġjon jew bħal anġlu tad-dawl, għax il-Kelma t'Alla u l-Ispirtu s-Santu jressquh lejn il-verità. Raġel iżomm tazza nbid f'idu, jiżfen quddiemu biex jipprova jwaqqgħu bil-pjaċiri foloz ta' din id-dinja. Però ma jkollux effett fuq dak li jkun Nisrani dedikat, għax kien maqtul ma Kristu għad-dnub u għax-xewqat tad-dinja. Ir-raġel l-ieħor fl-istampa qiegħed jagħti b'sikkina fil-qalb tan-Nisrani. Insulti, theddid u tgħajjir mingħand nies li ma jemmnux, allavolja jgħidu li jemmnu, huma l-ħin kollu jxoqqu l-qalb ta' dak li veru jemmen, iżda ma jagħtix każ tan-nies, xi jgħidu. Iżda jagħti każ biss Alla x'jgħid. Hu jiftakar fil-kliem ta' Ġesù, "Imberkin intom, meta l-bnedmin igħajrukom u jippersegwitawkom u jgħidu min kull deni fuqkom bil-gideb minħabba fija. Ifirħu u thennew wisq; għax kbir hu ħlaskom fis-smewwiet." (Matt. 5:11,12)

In-natura ħażina tagħna u d-demonju, l-ħin kollu qiegħdin jippruvaw ibegħdu l-Insara minn Alla. Iżda bil-ferħ kollu u bil-kunfidenza jista bil-verità kollha jgħid, "Min jifridna mill-imħabba ta' Kristu? Niket jew dwejjaq, jew persekuzzjoni, jew ġuħ, jew għira, jew periklu, jew sejf?" (Rum. 8:35). "Iżda f'dawn il-ħwejjeġ kollha, aħna aktar minn rebbieħa permezz ta' dak li ħabbna." (Rum 8:37). Wara li libes l-armatura t'Alla, huwa jkun jista jirreżisti l-attakki tax-xitan, meta dik il-ġurnata ħażina tasal, u wara l-ġlieda, sa l-aħħar xorta jżomm postu ma Ġesù Kristu, li rebaħ il-vittorja fuq kull tip ta' tentazzjoni u provi, li Minnu aħna rridu nirbħu l-vittorja tagħna u nirċievu dik il-kuruna glorjuża li qatt ma tilef

Copyright ANCP

is-sbuħija tagħha. (Eff. 6:10-18; 1 Pietru 5:4)

**L-ISTILLA** tal-kuxjenza tiegħu hija ċara u tleqq. Qalbu mimlija bil-fidi u bl-Ispirtu s-Santu. L-anġlu bħala l-Kelma t'Alla, jfakkru bil-Barkiet kbar ta' dawk li jirbħu l-vittorja u jibqgħu sa l-aħħar. "Dawk li jirbħu, intihom id-dritt li jieklu mis-siġra tal-ħajja, li hi f'nofs il-ġenna t'Alla." "Min jirbaħ ma jkollux ħsara mit-tieni mewt." "Lil min jirbah nagħtih jiekol mill-manna moħbija, u nagħtih ġebla bajda, u fuq il-ġebla isem ġdid miktub, li ħadd ma jafu ħlief min jieħdu." "U dak li jirbaħ, u jħares l-egħmil tiegħi sa l-aħħar, nagħtih setgħa fuq il-ġnus." "Dak li jirbaħ, jitlibbes ħwejjeġ bojod, u ma nħassarx ismu mill-ktieb tal-ħajja, imma nistqarr ismu quddiem Missieri, u quddiem l-anġli tiegħu." "Min jirbaħ nagħmlu kolonna fit-tempju t'Alla tiegħi, u ma joħroġx aktar barra: u nikteb fuqu isem Alla tiegħi, u isem il-belt t'Alla tiegħi, li hi Ġerusalem il-ġdida, li tinżel mis-sema mingħand Alla tiegħi: u nikteb fuqu l-isem il-ġdid tiegħi." "Lil dak li jirbaħ nagħtih joqgħod miegħi fuq it-tron tiegħi, bħal ma rbaħt jien ukoll, u qgħadt bil-qiegħda ma Missieri fuq it-tron tiegħu." (Riv. 2:7, 11, 17,26; 3:5,12,21).

**IL-BORZA MIFTUĦA TAL-FLUS** turi li mhux biss qalbu iżda flusu huma ddedikati għal Alla. Minflok li jaħli flusu, huwa jgħin lill-fqar, jagħti l-għexur (l'għaxra fil-mija tad-dħul tiegħu) u offerti u kull ma għandu biex jużah għal Glorja t'Alla.

**IL-ĦOBŻA U L-ĦUTA** jindikaw li hu jgħix ħajja nadifa w kkontrollata. Hu ma jħassarx ħajtu b'xorb qawwi jew billi jiekol ikel imniġġes. (Atti 15:20). Ma jaħlix flusu u lanqas jeqred lil ġismu (li hu t-tempju t'Alla) billi jagħmel jew jiekol it-tabakk, lanqas jieħu d-drogi jew mediċini qawwija, iżda jiekol ikel tajjeb, nadif, u sustanzjuż. Qalbu saret dar it-talb. Huwa wkoll jattendi servizz fil-knisja regulari, u rispettabli, f'kull temp taħt kull ċirkustanzi. Hu jħobb it-talb, kemm fil-knisja, kemm mal-familja u kemm f'kamartu, għax jaf li Nisrani ma jistax jikber mingħajr ma jikkomunika m'Alla fit-talb.

Copyright ANCP



Copyright ANGP

9. IL-QALB REBBIEHA

**IL-KTIEB MIFTUH** jindika li l-Bibbja hija ktieb miftuh għalih, u jaqra u jistudja kuljum. Ifittex l-għerf u s-saħħa, l-ħajja u d-dawl, il-ġid kbir li fiha. Saret lampa għalih biex tigwidah, u xabla li jirbah lix-xitan. Hija saret ukoll spiritwali għar-ruħu, ilma biex taqtalu l-għatx, banju li jindaf fih, u mera fejn jara lilu nnifsu.
Hu jerfa salibu, għax jaf li m'hemmx rigal mingħajr salib. Bħal ma jaf li qam fi Kristu biex jgħix ħajja ġdida, hu jpoġġi qalbu fuq l-affarijiet tas-sema, jżomm moħħu dejjem hemm, mhux fuq l-affarijiet tad-dinja. (1 Kor. 3:1-2). Huwa lest li jiltaqa m'Alla u huwa bħal siġra li tikber ħdejn nixxiegħa tal-ilma, li tagħti l-frott fi żmiena. (Salmi 1:3). Bħal zokk ta' dielja b'ħafna frott. Hu ma jafx il-biża tad-dnub, għax l-imħabba t'Alla li hu rċieva mill-Ispirtu Santu mlietlu qalbu.

## L-GĦAXAR STAMPA

Ġesù qal, "Jiena hu l-qawmien, u l-ħajja: min jemmen fija, għad li jkun mejjet, igħix. U kull min jgħix u jemmen fija ma jmut qatt." (Ġwann 11:25,26). "Tassew, tassew ngħidilkom, min jisma kelmti u jemmen f'dak li bagħatni jkollu l-ħajja ta' dejjem, u ma jiġix għall-kundanna; iżda jgħaddi mill-mewt għall-ħajja." (Ġwann 5:24). Il-mewt m'hijhiex kastig jew xi ħaġa tal-biża għan-Nisrani. "Il-mewt meqruda; r-rebħa lesta! Ja mewt fejn hi n-niggieża tiegħek? Ja qabar fejn hi r-rebħa tiegħek? ... Imma niżżiħajr 'l Alla, li tani r-rebħa permezz ta' Sidna Ġesù Kristu." (1 Kor. 15:54-57).
Xi ħadd li igħix u jimxi m'Alla ma jibżax mill-mewt. Meta ż-żmien jiġi għalih biex imut huwa jmur ferħan, bħall-Appostlu Pawlu li qal, "għandi xewqa li nitlaq, u li nkun ma' Kristu; li hu wisq aħjar. (Fil. 1:23).
In-nisrani huwa mixtieq li jara l-wiċċ ta' Kristu li miet għalih u ħallaslu l-prezz ta' dnubietu. L-Ispirtu s-Santu jfakkru fi kliem Ġesù, "La tħallux qalbkom titħawwad: temmnu f'Alla, temmnu wkoll fija. F'dar Missieri hemm ħafna għamajjar ... nerġa niġi biex fejn sejjer jien tiġu intom ukoll." (Ġwann 14:1-4). "Ħwejjeġ li għajn ma ratx, u l-widna ma semgħetx u li ma daħlux f'qalb il-bniedem, huma li Alla ħejja għal dawk li jħobbuh." (1 Kor. 2:9). M'hemmx ilsien fid-dinja li wieħed jista jiddiskrivi s-sbuħija



Copyright ANGP




## 10. IS-SEJĦA GLORJUŻA

tas-Saltna tas-Smewwiet, ippreparata għal dawk li mxew fil-passi tal-Mulej Ġesù Kristu hawn fid-dinja.
F'din l-aħħar stampa jidher anġlu jew il-messaġġier t'Alla minflokk l-iskaletru waħxi tal-mewt. Huwa qiegħed jistenna biex jieħu l-ispirtu nadif lura lejn Alla. Ir-ruħ u l-ispirtu huma ħielsa mill-ħabs tal-ġisem li jmut, u jidhru telgħin il fuq lejn il-bwieb il-Ġenna, lejn Ġesù li jħobbu u li miet għalih fuq is-salib. Merħba sabiħa tistennih fil-preżenza t'Alla, fejn jiġi milqugħ mill-Mulej u l-Imgħallem, tiegħu b'dan il-kliem ta' tifħir. "Idħol ja qaddej tajjeb u fidil, idħol fil-ferħ ta' Sidek." (Matt. 25:21). Satana m'għandux kontroll fuqu aktar għax, "It-tallab miet u nġieb mill-anġli fi ħdan Abraham." (Luqa 16:22). "Smajt leħen mis-sema jgħidli: Ikteb: Imberkin il-mejtin li jmutu fil-Mulej minn issa l-quddiem: Iva, jgħid l-Ispirtu biex jistrieħu mit-taħbit tagħhom; u l-egħmejjel tagħhom imorru warajhom." (Riv. 14:13).

## L-AĦĦAR TWISSIJA

Għażiż qarrej, j'Alla l-Mulej jgħinek biex tagħti qalbek lilu li jħobbok, għax Hu qiegħed ikellmek issa u jgħidlek, "dur lura għandi b'qalbek kollha." (Dewt. 30:2). Agħti lil Ġesù l-qalb għajjiena, diżappuntata u miġuħa u hu jagħtikom qalb ġdida u moħħ ġdid. Tkunx imqarraq bil-qalb qarrieqa li għandek, jew tmur wara x-xewqat tagħha għax, "Minn qalb il-bniedem joħorġu l-ħsiebijiet ħżiena ..." (Mark 7:21). Itlaq lil dnubietek u żomm mas-sewwa, "għax ħlas id-dnub hu l-mewt; iżda l-għotja t'Alla hi l-ħajja ta' dejjem f'Ġesù Kristu Sidna." (Rum. 6:23).
U int li tajt ħajtek lil Alla "Żomm tajjeb il-għamla tal-kliem sħiħ, li smajt minn għandi, fil-fidi, u fl-imħabba, li hi fi Kristu Ġesù." (2 Tim. 1:13). Għall-istess raġuni Pawlu kiteb fit-2 Tim. 1:12 "għax naf f'min emmint, u nemmen li hu għandu s-setgħa li jħares dak li jien ħallejt f'idejh sa dak il-jum." Ibni lilek innifsek fil-fidi t'Alla, u itlob fis-saħħa tal-Ispirtu s-Santu, żomm dejjem fl-imħabba t'Alla, dejjem għajnejk iħarsu lejn Ġesù Kristu, t-triq, il-verità u l-ħajja, l-Mulej tagħna li dalwaqt jiġi għll-uliedu, "Sultan tas-Slaten." (1 Tim. 6:15).
"Issa Dak li jista jħariskom mit-tiġrif, u jqiegħedkom bla tebgħa quddiem il-preżenza tal-glorja tiegħu b'ferħ kbir, lil Alla waħdu għaref Salvatur tagħna, tkun glorja, majesta, qawwa u setgħa, sew issa u kemm għal dejjem. Amen." (Ġuda 1:24,25).

Copyright ANGP

## A SPECIAL WORD FROM ANGP
## UN MONDE SPÉCIAL DE L'ANGP
## UMA PALAVRA ESPECIAL DA ANGP

**This booklet "The Heart of Man" is available in over 538 languages and dialects spoken throughout the world (Africa, Asia, The Far East, South America, Europe, etc.) Our Heart Book is now also available on cell phones, tablets, etc from www.angp-hb.co.za or as an APP "Heart of Man" on Android phones.**

**Le livre du "Coeur de l'homme" peut etre obtenu en plus de 538 langues et dialectes parles dans le monde entier, a savoir: Afrique, Amerique, Asie, Extreme Orient, Europe. Notre Livre du Coeur est maintenant aussi disponible sur votre Telephone cellular, plaques, etc. de www.angp-hb.co.za ou comme une Application "Heart of Man" sur telephones Android.**

**Este livro "O Coracao do Homem" e obtido em mais de 538 linguas e dialectos falados em todo o mundo, a saber: (Africa, Asia, America do Sul, Extremo Oriente, Europa, etc). O nosso Livro O Coração do Homem tambem esta agora disponivel em telefone celular, tablets, etc. de www.angp-hb.co.za ou como um aplicativo "Heart of Man" nos telephones celulares Android.**

Copyright ANGP

**The 10 heart pictures contained in this booklet are also available in the form of large coloured picture charts (86 x 61cm) bound together in a set of 10 pictures. These "Heart Charts" can be obtained with European or African features and are particularly suitable to be used in conjunction with the Heart Book for class-teaching, open air evangelization etc. Kindly contact us to ascertain the latest subsidized price of this chart.**

**Les 10 images du coeur qui figurent dans ce livre peuvent etre obtenues en tableaux de couleur, format 86 x 61 cm, avec des physionomies europeennes ou africaines. Ils peuvent etre utilises en meme temps que le livre du coeur pour des classes bibliques, a**

l'ecole du dimanche ou lors de reunions de plein air. Soyez aimable de nous contacter pour assurer les derniers prix en cours du tableau.

As 10 imagens do coracao, contidas neste livro podem ser obtidas num conjunto de 10 imagens em colorido no tamanho de (86 x 61 cm). Estes "Cartazes do Coracao podem ser obtfdos com caracterfsticas Europeias e Africanas e podem ser usados em conjuncao com o mesmo livro em classes de ensino biblico, evangelizacao ou ao ar livre. Agradeciamos que nos contacta- se para confirmacao do ultimo preco dos cartazes.



Copyright ANGP

Kindly write to us if you are able to assist us with further translations of our free Gospel literature, informing us of the language into which you could translate this Gospel literature. Your assistance would be appreciated.

If you have found salvation in Christ, or have been otherwise blessed through our Gospel literature, please let us know. We would like to thank God with you, and remember you further in our prayers.

Nous vous invitons a nous contacter pour faire des arrangements concernant de nouvelles traductions de notre litterature, nous informant de la langue dans laquelle vous pouvez traduire cette litterature evangelique. Votre aide sera beaucoup appreciee.

Si vous avez trouve le salut en Christ ou si vous avez ete beni par notre litterature, nous vous prions de nous le faire savoir. Nous aimerions remercier Dieu avec vous et prier pour vous.

Nos vos convidamos a nos contactar, afim de fazer qualquer arranjo concernente a novas traducoes de nossa literatura em outras lfnguas. Vossa assistencia sera muito apreciavel.

Se tem encontrado a salvacao em Cristo, ou se tem sido abencoado por intermedio da nossa literatura evangelica, faca o favor de nos

informar. Pois nos gostarfamos de agradecer a Deus juntamente convosco, e lembra-lo sempre em nossas oracoes.

For free Gospel literature, books and tracts in over 538 languages, write to:

Pour obtenir gratuitement de la litterature evangelique, des livres et des traites en plus de 538 langues, ecrivez a:

Para obter gratuftamente a literatura evangelica, livros e folhetos em mais de 538 lfnguas diferentes escreva para:


**ALL NATIONS GOSPEL PUBLISHERS**

**P.O. Box 2191**

**PRETORIA**

**0001**

**R.S.A.**

info@angp.co.za


Copyright ANGP

A Gospel Literature Mission financed by donations

Une Mission de litterature evangelique financee de dons

Missao de literatura Evanqelica financiada por donativos

(Reg. No. 1961/001798/08)